

Brussell, 5 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10067/26

SCH-EVAL 27  
JAI 717  
COMIX 130  
SCHENGEN 14  
CH  
IS  
LI  
NO

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Ġunju 2026
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiżni tal-governanza ta' Schengen tal-UE u dik nazzjonali

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiżni tal-governanza ta' Schengen tal-UE u dik nazzjonali, kif approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4179 laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ġunju 2026.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-governanza ta' Schengen tal-UE u dik nazzjonali**

Schengen evolviet f'sistema robusta, unika u komprensiva, fejn komponenti differenti jridu jiġu implimentati b'mod koerenti u kkoordinat biex tingħata spinta lir-reżiljenza kollettiva tagħna.

Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb teħtieġ oqfsa ta' governanza tal-UE u nazzjonali li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, li jlaqqgħu flimkien l-oqfsa ta' politika u l-awtoritajiet ta' implimentazzjoni rilevanti kollha. Dawn l-oqfsa jinkludu sett ta' regoli, proċeduri u prattiki li jippermettu l-implimentazzjoni effettiva tal-acquis ta' Schengen, l-iżgurar tal-moviment liberu tal-persuni bejn il-fruntieri interni, it-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u ż-żamma ta' livell għoli ta' sigurtà interna.

Jipprovdu approċċ koordinat u koerenti biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali li jistgħu jaffettwaw iż-żona Schengen. F'dan ir-rigward, għandha ssir il-kunsiderazzjoni meħtieġa tal-oqfsa ta' politika relatati mal-migrazzjoni, peress li l-migrazzjoni irregolari u l-movimenti sekondarji mhux awtorizzati, minkejja tnaqqis fin-numri, kif ukoll l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni, għadhom joħolqu sfida sinifikanti għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb.

Minkejja sforzi sostnuti matul dawn l-aħħar snin biex tissaħħaħ iż-żona Schengen, għad hemm xi nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen. Għadd ta' rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjonijiet ta' Schengen għadhom ma ġewx indirizzati, għadd sinifikanti għad iridu jiġu indirizzati bis-sħiħ, filwaqt li oħrajn jieħdu żmien twil biex jiġu implimentati. Xi riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen juru li governanza nazzjonali ineffettiva ta' Schengen tista' taffettwa b'mod negattiv il-prestazzjoni nazzjonali b'impatt fuq il-funzjonament taż-żona Schengen u b'hekk potenzjalment fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

Fl-istess ħin, l-oqfsa ta' governanza tal-UE jeħtieġ li jissaħħu, bħala komponent essenzjali tal-governanza taż-żona Schengen. L-aktar nuqqasijiet urġenti, identifikati permezz ta' għodod eżistenti, għandhom jiġu segwiti minn diskussjonijiet strateġiċi fil-Kunsill, kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak tekniku.

Filwaqt li jiġu rispettati l-partikolaritajiet nazzjonali u l-istrutturi amministrattivi eżistenti, governanza soda kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE hija kruċjali biex jiġu żviluppati u implimentati proċessi strateġiċi, inkluż fir-rigward tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet relatati, is-sigurtà interna, u l-użu effettiv tal-finanzjament tal-UE u dak nazzjonali, biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati u jiġu implimentati l-prijoritajiet ta' Schengen. Oqfsa ta' governanza nazzjonali u tal-UE konsistenti jikkontribwixxu wkoll għall-preparatezza għall-kriżijiet, speċjalment fir-rigward tal-ippjanar ta' kontinġenza marbut mal-ġestjoni integrata tal-fruntieri.

Fid-dawl ta' dan kollu,

Rigward il-governanza ta' Schengen fil-livell tal-UE:

1. Il-Kunsill ifakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Schengen tat-12 ta' Ġunju 2025<sup>1</sup>, li tenfasizza l-importanza li tiġi kkonsolidata aktar il-governanza ta' Schengen fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, u tindika li żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tinfed il-libertà tal-moviment, filwaqt li trawwem il-koeżjoni soċjali u t-tkabbir ekonomiku, filwaqt li l-introduzzjoni mill-ġdid fuq bażi temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni għandha tibqa' miżura tal-aħħar istanza.
2. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Marzu 2026<sup>2</sup>, b'mod partikolari l-punt 31 tagħhom dwar il-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli għall-erba' libertajiet, għall-kompetittività u l-funzjonament tas-suq uniku.

---

<sup>1</sup> 10068/25.

<sup>2</sup> Bħala faċilitatur essenzjali tas-Suq Uniku, iż-żona Schengen hija mutur kruċjali tat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività (EUCO 1/26).

3. Il-Kunsill ifakkar fil-Linji Gwida Strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispażju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja<sup>3</sup>.
4. Il-Kunsill japprezza l-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen<sup>4</sup> bħala l-mekkaniżmu ewlieni ta' kontroll tal-kwalità fil-livell tal-UE, li jggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, u l-Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà<sup>5</sup> fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tar-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen, il-Barometru ta' Schengen u t-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen. Dawn għandhom jipprovdu valutazzjoni komprensiva kondiviża mmexxija mid-data u mill-analiżi tal-funzjonament taż-żona Schengen, bħala bażi għat-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza. Dawk l-għodod għandhom jidentifikaw, b'mod konċiż, l-aktar riżultati u nuqqasijiet li jħallu impatt fiż-żona Schengen kollha, filwaqt li jappoġġaw id-definizzjoni mill-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu ta' oqsma ewlenin għas-segwitu, inkluż permezz ta' diskussjonijiet fil-Gruppi ta' Ħidma rilevanti u fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-Kunsill ta' Schengen. F'din id-direzzjoni, il-Kummissjoni, meta tkun qed tfejji l-Barometru, għandha tenfasizza b'mod ċar id-dimensjoni politika tar-riżultati u n-nuqqasijiet identifikati, filwaqt li l-metodoloġija tiegħu għandha titejjeb b'mod kostanti. Ir-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen u l-Barometru ta' Schengen jeħtieġ li jiġu kondiviżi mal-Kunsill ferm qabel kwalunkwe diskussjoni fil-Gruppi ta' Ħidma rilevanti biex tkun tista' ssir tfejji konkrita tal-Kunsill ta' Schengen.

---

<sup>3</sup> 16343/24.

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624.

5. Il-Kunsill ta' Schengen saħħaħ it-tmexxija politika taż-żona Schengen. Huwa r-rwol tal-Kunsill ta' Schengen li jiżgura koerenza aktar b'saħħitha bejn l-evalwazzjonijiet tekniċi u t-tmexxija politika ta' Schengen. Filwaqt li jiġi nnutat li sar progress fit-tiħiħ tal-governanza ta' Schengen f'dawn l-aħħar snin, l-użu tal-għodod disponibbli tal-UE għandu jkompli jingħata prijorità fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, filwaqt li għandha ssir enfasi aktar qawwija fuq proċess ta' segwitu strutturat fil-livell tal-UE, inkluż permezz ta' diskussjonijiet iddedikati fil-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill biex jiġu identifikati l-oqsma li jeħtieġu azzjoni ulterjuri. F'din id-direzzjoni, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, f'konformità mal-kompetenzi eżistenti tagħha, tipprovi regolarment ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet ta' segwitu li jkunu tteħdu b'rispons għas-sejbiet identifikati permezz tal-Barometru ta' Schengen.
6. Għalhekk, il-Kunsill isaħħaħ l-impenn politiku tiegħu għal segwitu bir-reqqa u f'waqtu dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjonijiet ta' Schengen bl-appoġġ tal-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-UE. B'dan il-mod, il-Kunsill ser ikun jista' jżomm livell għoli ta' responsabbiltà u jrawwem fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri.
7. Fl-istess spirtu, il-Kunsill, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-UE, għandu juża l-oqfsa ta' dialogu disponibbli kollha fil-livell tal-UE biex jindirizza b'mod attiv u jfittex soluzzjonijiet għal nuqqasijiet persistenti fl-applikazzjoni tal-acquis.
8. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-aġenziji rilevanti tal-UE, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, isaħħu l-għarfien tas-sitwazzjoni permezz ta' stampi tas-sitwazzjoni regolari u rapporti analitiċi dwar l-istat ta' Schengen. Il-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa r-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen, il-Barometru ta' Schengen u t-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen, f'konformità mal-paragrafu 4 hawn fuq, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri.
9. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Aġenziji rilevanti tal-UE jkomplu jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' taħriġ tagħhom, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri, u jikkollaboraw mill-qrib ma' xulxin sabiex iżidu s-sinerġiji, jevitaw id-duplikazzjoni u jippermettu reazzjoni rapida għall-ħtiġijiet li jinbidlu.

Rigward il-governanza nazzjonali ta' Schengen:

10. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu t-tmexxija politika b'saħħitha biex jissorveljaw u jikkoordinaw attivitajiet relatati ma' Schengen, inkluż l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet u l-azzjonijiet taċ-ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen.
11. Biex jinkiseb dan, l-Istati Membri mistiedna jiżviluppaw aktar l-approċċ integrat tagħhom ta' gvern sħiħ, filwaqt li jiżguraw azzjoni koerenti u kkoordinata fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha, inkluż oqsma relatati li potenzjalment ikollhom impatt fuq Schengen, bħall-migrazzjoni, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tad-data personali.
12. L-istabbiliment ta' arranġamenti nazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb għall-verifika tal-kwalità, organizzati mill-Istati Membri biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-istrutturi speċifiċi rilevanti tagħhom, jista' jappoġġa dan l-approċċ koerenti u komprensiv li jkopri l-oqsma kollha ta' politika ta' Schengen, f'konformità mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-acquis ta' Schengen.
13. Mingħajr ma jiġu antiċipati n-negożjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, il-ħtieġa għal riżorsi xierqa biex jiġi implimentat u żviluppat il-qafas ta' Schengen għandha titqies kif xieraq. Dan huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-kapaċitajiet u l-pjanijiet ta' kontinġenza tal-UE u dawk nazzjonali, appoġġati minn persunal suffiċjenti, taħriġ robust, infrastruttura u tagħmir adegwati, ittestjar regolari, u aġġornamenti, filwaqt li jitqies ukoll l-appoġġ mill-aġenziji tal-UE.